MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Numru 418/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Versus**

**Jesmond Musu'**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jesmond Musu' ta' 39 sena, bin Joseph u Josephine nee Cremona, imwieled il-Floriana fil-31 ta' Diċembru 1963 u li joqgħod f'Numru 50 Medler Avenue San Ġwann u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 95364 (M)

Akkużat talli:

(a) Fit-30 ta' Marzu, 2003, fuq il-Monti ta' Ta' Qali, iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-

prodott tal-industrija, jew xjentement għamel użu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid; jew għamel użu xjentement ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema; jew xjentelemtn qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għall-ħsieb ta’ kummerċ, merkanzija b’amrka, sinjal jew emblema imxebbħin b’qerq u cioe’ numru ta’ videos, logħba tal-Playstation u logħob tad-DVD falz ; (298(1) tal-Kap 9)

(b) U aktar talli fl-istess ċirkostanzi għall-qligħ jew bi skop ta’ kummerċ, stampa, immanifattura jew idduplika jew mod ieħor irriproduċa jew ikkopja jew biegħ qassam jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta’ Malta jew taħtha; (298B tal-Kap 9).

(ċ) U hekk sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u datati 15 ta’ Marzu 1999 u 22 ta’ Mejju 2001, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f’każ ta’ ħtija tħassar il-liċenzja jew inkella tissospendi tali liċenzja għal xi żmien fid-diskrezzjoni taħgha, hekk kif ikkontemplat fl-artgikolu 31 tal-Kap 441 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Il-Qorti ntalbet ukoll li f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pinei stabbiliti mil-Liġi, torfna wkoll il-konfiska tal-oġġetti esibiti;

Il-Qorti ntalbet ukoll, sabiex f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija, tikkundanna lill-imputat iħalls l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li għandu n-numru 953 tal-1964, il-fedina penali tal-imputat, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol.12 u

38), il-verbal tal-Qorti tal-10 ta' Mejju 2006 li fih kien innutat li l-imputat kien għandu ma tressaqx quddiemu minkejja li l-ewwel dehra kienet iffissata għal 11 ta' Lulju 2003, il-verbal tad-29 ta' Novembru 2006 li fih kienu formalment ippreżentati 153 video, 240 playstaiton games u 240 DVD, l-istqarrija tal-imputat a fol.42, id-dokument a fol 45 li juri x'kien elevate minn għadn l-imputat, il-kwereal mibgħuta minn Dr.Patrick Galea lill-Kummissarju tal-Pulizija (fol.46), id-dokument li bih Dr.Patrick Galea were li kien qed jikteb lill-Kummisarju bħala prokuratur ta' diversi ditti (fol.47), is-sentenzi tal-15 ta' Marzu, 1999, 4 ta' Lulju 2001 li ngħataw fil-konfront tal-imputat u li juru l-istess data tat-twelid tal-imputat kif ukoll waħdea minnhom turi l-istess numru tal-karta tal-identita', id-dokument 1A8 a fol 56 sa 58, l-ħatra tas-sur Martin Bajada biex jeżamina d-dokument IJA 3 u jirrelata dwaru (fol 72) u r-relazzjoni tal-istess Martin Bajada.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

5. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fit-30 ta' Marzu 2003 il-Pulizija għamlet spezzjoni fuq il-Monti u minn mill-istall u mill-karozza (ARR- 839) tal-imputat kienu elevati 153 video li kienu suspettati kontrafatti, 240 playstation games, ukoll suspettati foloz u 24 DVD games li kienu foloz ukoll.

6. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li l-affarijiet kienu ilhom għandu xi xahar u qal li ma ienx jaf li kienu foloz. L-affarijiet kienu għall-bejgħ. Huwa stqarr li kemm il-karozza kif ukoll l-istall minn fejn inġabru l-affarijiet kienu tiegħu.

7. Is-sur Christopher Darmanin, rappreżentant tal-liċenzji, ikkonferma li l-karozza AAR 839 kienet tgħajjat lill-imputat. (Fol.54).

8. PC 273 Frankie Tabone ikkonferma bil-ġurament x'kien ġara fit-30 ta' Marzu 2003 meta saret l-ispezzjoni fl-istall tal-imputat ġewwa Ta' Qali. (Fol.59). Fil-kontro-eżami dan ix-xhud wieġeb li l-affarijiet kienu għall-bjegħ. (Fol.62).

9. PS 494 Gordon Borg xehed kif kienet saret l-elevazzjoni tal-affarijiet minn għand imputat u kkonferma l-verżjoni mogħtija mix-xhud msemmija fil-paragrafu 8.

10. L-Ispettur Geoffrey Azzopardi ikkonferma li s-sentenza mogħtija fl-4 ta' Lulju 2001 kienet ingħatat fil-konfront tal-imputat.

10. Is-Supretendent Alexandra Mamo ikkonfermat li s-sentenza mogħtija fil-15 ta' Marzu 1999 (fol.50 -51) kienet ingħatat fil-konfront tal-imputat.

11. Mir-relazzjoni tal-espert Martin Bajada jiriżulta

*'li l-153 videos u l-264 optical diskette analizzati huma kollha non-compliant, jiġifieri li l-prodott mhux konformi fil-kwalita', fl-apparenza, fil-kontenut u fl-ippakkjar mal-prodott 9DVD u Logħod) kif liċenzjat mill-awturi rispettivi. Illi l-proċess li bih l-inofmazzjoni, il-film f'dan il-każ, ġiet trasferita għal fuq il-VHS video sar billi saret kopja minn fuq DVD tal-istess film. Illi l-proċess li bih l-informazzjoni, il-logħob ġew trasferita huwa dak magħruf bħala pressed.'*

12. L-istess espert ikkonkluda wkoll li:

*'Il-153 video u 264 optical diskette elevati mill-Ispettur Ian Joseph Abdilla jirriżultaw li huma counterfeit recording li tfisser li l-prodott hu 'an unauthorized copy of a copyright-protected recording, artwork, label, trade mark or packing.*

***Illi għall-fini tal-Kap 488 (4)(1)(2) 'Preżunzjoni li persuna tkun awtur jew sid' l-awtur jew sid huwa ndikat fid-Dok MB1, Dok MB2, u Dok MB3.'***

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

13. Il-Qorti m'għandha ebda dubju li (a) l-esibiti kienu elevati minn għand l-imputat u għax ix-xhieda tal-Pulizija li huma l-ispezzjoni hija ċara u l-imputat ammetta dan kollu fl-istqarrija li għamel lill-Pulizija; u (b) li dawn huma counterfeit. Li huma counterfeit huwa ppruvat mill-analiżi magħmula mill-espert Martin Bajada.

14. Legalment l-artikolu 298 (1)(a)(b)(ċ)(d) tal-kap 9 jipprojbixxi kull forma ta' falsifikar mingħajr il-kunsens tas-sid jew li wieħed **xjentement** jagħmel użu minn oġġett li kien falsifikat jew midul mingħajr il-kunsens tas-sid. Li tali kunsens ma kienx hemm jirriżulta mill-fatt li saret kwerela permezz tal-Avukat Dr.Patrick Galea min-naħa tas-sidien. Li l-imputat kien ser jagħmel tali użu huwa ppruvat mill-fatt li dawn instabu propju meta kien armat f'Ta' Qali. Li kien jaf li dawn huma ffalsifikati jidher mill-prezz li hu stess waqt l-istqarrija. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

15. Dwar it-tieni imputazzjoni, ġaladarba jirriżulta li l-oġġetti elevati kienu kopji ta' oġġetti originali, isegwi li l-imputat kien qed jikser l-artikolu 298B(1) tal-Kodiċi Kriminali għaliex ukoll jekk ma kienx hu li kkopja l-artikoli in kwistjoni għax seta' kien ħadd ieħor, huwa xorta kien qed joffrihom għall-bejgħ. L-artikolu msemmi jgħid bl-aktar mod ċar li wkoll min ikun qed joffri tali oġġetti għall-bejgħ ikun qed jikser dan l-artikolu. Il-preżunzjoni dwar min hu l-veru proprjetarju toħroġ mill-Kap 488(4)(1) tal-Liġijiet ta' Malta.

16 Iżda biex ikun hemm ksur ta' dan l-artikolu tinħtieġ il-kwerela. Din ġiet ippreżentata u maħlufa minn Dr.Patrick Galea. Għalhekk l-element mitlub mis-subinċiż (2) tal-artikolu 298B tal-Kap 9 huwa soddisfatt ukoll.

17. L-abbli difensur tal-imputat issottometta li l-prokura a favur Dr.Patrick GAeal ma ġietx ippreżentata.

18. Il-Qorti eżaminat din is-sottomissjoni. Skond l-artikolu 1857 tal-Kap 16:

***'(2) Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni speċjali oħra tal-liġi, il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba private, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament.'***

19. Huwa tassew li fi proċeduri ċivili l-prova tal-mandat tingħata bħala l-ewwel eċċezzjoni. Huwa tassew ukoll li ħafna drabi tintalab kopja miktuba tal-mandat. B'danakollu, mhux bilfors li l-prova tal-mandat ssir billi tkun prodotta l-prokura. M'hemmx x'josta li wieħed jikkonferma bil-ġurament prokura li tkun ingħatat sew bil-kitba u sew bil-fomm. Huwa dak li għamel Dr,Patrick Galea meta l-ewwel bagħat il-kwerela għand il-Kummissarju tal-Pulizija u mbagħad tela' fuq il-pedana tax-xhieda u kkonfermha in toto. Iż-żewġ kwereli jibdew hekk:

'We are instructed by Forestals (Appliances) Limited of 110 The Strand Sliema as **Special Attorney** of Sony Computer Entertainment Europe Limited ……(Fol 46) u

'We are acting as Special Attorney of the following foreign Video Companies…' (fol.47)

20. Il-best evidence rule mkien ma ssemmi l-ħtieġa ta' karti jew dokumenti biex il-prova tkun aċċettata. Lanqas li document bilfors irid ikun oriġinali ma ssemmi. Il-Prosekuzzjoni kellha 'l Dr.Patrick Galea bħala xhud u tellgħetu.

21. Għaldaqstant din is-sottomissijoni qed tkun miċħuda.

22. Isewgi li l-imputat huwa ħati tat-tieni imputazzjoni wkoll.

**It-Tielet Imputazzjoni**

23. Ir-reċidiva hija ampjament ippruvata għax kienu ppreżentati s-sentenzi kif ukoll kien hem mil-prova tal-

identita. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni.

**Konklużjoni**

24. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49 u 50, l-artikolu 298(1)(a)(b)(ċ)(d), u l-artikolu 298B kollha tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih u qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' €3000 liema multa tista' titħallas b'rata ta' €200 fix-xahar bl-ewwel ħlas isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ jitħallas kollu f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx din għandha tinbidel fi priġunerija skond il-liġi f'massimu ta' 6 xhur skond il-proviso tal-artikolu 11(3) tal-Kap 9.

25. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti esibiti taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

26. Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti li tammonta għal €424.80. Dan irid isir fi żmien xahar mil-lum u fin-nuqqas t'a tali ħals dan jinbidel f'jum priġuenrija għal kull €11.65 mhux imħallsin.

27. Il-Qorti qed tissospendi l-liċenzja ta' bejgħ li għandu l-imputat għal żmien tliet xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------